

# Artisti Maltin li pittru lil Sta Katarina V.M.

**Ktieb interessanti ta' Ġużeppi Theuma*
**Lista ta' artisti Maltin li pittru lil Santa Kararina V.M.*
**Xogħlijiet imxerrdin fil-Gżejjer Maltin*

**Kitba tal-Kan. Dun Joe Abela**

Ftit tas-snin ilu, is-**Sur Ġużeppi Theuma**, ħabib tal-qalb tiegħi, ippubblika ktieb ferm interessanti, l-aktar għal min iħobb il-pittura fil-knejjes, kbar u żgħar, tal-Gżejjer Maltin, bl-isem **'L-Arti fil-Knejjes minn Mitt Pittur Malti'**, studju li hu ġentilment iddedikah lili. Mhux għaliex jien kont ta' għajnuna speċjali għalih, iżda, naħseb jien, għaliex meta kien qiegħed jagħmel ir-riċerki u jieħu r-ritratti, li bihom il-ktieb hu llustrat ħafna, jien kont spiss immur miegħu fil-knejjes parrokkjali, kappelli u kunventi mxerrdin mal-Gżejjer tagħna.

Forsi s-Sur Theuma kien jagħmel xi ftit tal-kuraġġ bija, peress li jien għallimt fis-seminarju lill-parti 'l kbira tal-kappillani Maltin! U ħabibna **s-Sur Carmelo Baldacchino**, Żejtuni bħali, kien jieħu ħsieb li jwarrab il-gandlieri twal minn fuq l-altar, biex ir-ritratt tal-pittura titulari jiġi tajjeb!

## Ħajjet l-Awtur

**Ġużeppi Theuma** twieled Raħal Ġdid fis-sena 1945, iben Emanuel u Luckie, imwielda Mifsud, fi żmien meta Malta kienet għadha kemm ħelset mill-ħruxija tal-attakki mill-ajru, għalkemm it-Tieni Gwerra Dinjija ma kinitx intemmet għal kollox. Arċipriet taż-Żejtun kien Dun Paċifiku Mifsud, mill-Mosta, u fiż-Żejtun kienu jgħixu numru sewwa ta' saċerdoti; ħafna minnhom kienu ġew hawn rifuġjati mill-Kottonera. Iż-żagħżugħ Theuma studja fil-Kulleġġ tal-Patrijiet Franġiskani Kapuċċini, il-Furjana. Meta kellu dsatax-il sena hu mar l-Ingilterra, fejn kompla jistudja l-arti fil-***College of Arts***, St Albans.

Iżżewweġ lil Margaret East. Fis-sena 1977 ġie lura Malta mal-familja. Hu ħa sehem f'diversi esebizzjonijiet kollettivi u għadda żmien karikaturista ta' diversi gazzetti popolari hawn Malta. Fl-1999 ingħaqad mal-Grupp Amministrattiv tal-Mużew Parrokkjali ta' Ħaż-Żabbar, fejn għadu sal-lum jagħti siewi importanti ħafna.

Theuma u jien iltqajna flimkien meta hu wera interess fil-parroċċa marittima ta' Wied il-Għajn, meta jien kont għadni kemm ippubblikajt fi ktieb, bil-Malti u l-Ingliż, l-istorja ta' dan ir-raħal.

## L-Imħabba ta' Theuma għall-Artisti Maltin

Theuma tħajjar jikteb dan il-ktieb meta ħass li ħafna kritiċi tal-arti kienu qegħdin jinjoraw lill-artisti Maltin, u jiffokaw ħafna fuq pitturi barranin li ġew jaħdmu hawn Malta, l-aktar imħeġġa u mħallsin mill-Ordni ta' San Ġwann. Żgur iżda, li Theuma ma kellux ebda intenzjoni li ma jirrikonoxxix il-merti kbar ta' dawn il-pitturi barranin, bħal Caravaggio, Mattia Preti, Antione Favray u Domenico Bruschi, li eżemplari ta' xogħlijiet tagħhom insibuhom fil-Gżejjer Maltin. Theuma jagħti informazzjoni dwar pitturi Maltin ta' kalibru kbir, bħal Francesco Zahra, Ġużeppi Calì u oħrajn mingħajr ma jinsa artisti oħrajn Maltin li taw kontribut, iżda mhux kbir fil-kwalità u fin-numru, bħal Ġianpatist Bondira, Neriku Casolani, Bartilmew Micallef u Salvatore Morales. B'hekk Theuma rnexxielu jitfa' l-lenti fuq uħud Maltin u Għawdxin bħalna li tista' tgħid, qabel ħadd ma kien jaf bihom. Dan il-ktieb tiegħu jinkludi xejn anqas minn 260 pittura bil-kulur u 'l fuq minn 2,230 xogħlijiet ta' pitturi Maltin. Iżda fl-umiltà tiegħu, l-awtur jistqarr li "Dan ix-xogħol hu biss il-bidu ta' aktar stħarriġ għaliex għad hemm ħafna x'insibu fil-kwadri li s'issa għadhom mingħajr identità u li l-awturi tagħhom għadhom misturin."

## Bonnici Calì Rafel

Parentela mal-magħruf Giuseppe Calì, twieled fl-1907 f'Ħal Tarxien, iben Alfredo Bonnici u Maria Carmela Calì. Għallem għal xi żmien fl-Iskola Teknika u fil-Liceo. Kien ukoll restawratur fil-Mużew Nazzjonali. Ħadem ħafna f'Ħal Tarxien, kemm bil-kitbiet tiegħu, kif ukoll fl-għaqdiet parrokkjali. Pitter ħafna kwadri, l-aktar dwar il-Madonna. Aktarx li minħabba kunjom ommu, Calì, kien jingħata ħafna kummissjonijiet, iżda żgur li l-livell tal-arti tiegħu qatt ma laħqet il-livell għoli taċ-ċelebri Giuseppe Calì. Inħatar membru Kavallier tal-Grazzja Maġisterjali mill-Ordni ta' San Ġwann fl-1985 u miet fis-sena 2002.

Waħda mit-**Tnax-il Verġni** li pitter fis-sena fl-1970 għall-knisja parrokkjali taż-Żurrieq hi proprju Santa Katarina.

## Briffa Ġużeppi

Twieled f'Birkirkara fis-sena 1901. Bit-tħabrik tal-Maġġur A.E. James ingħaqad ma' *The St Elmo School*, fejn taħt Ġużè Ducca tgħallem id-disinn u hekk beda l-edukazzjoni artistika tiegħu. Pinġa r-ritratt ta' Dun Alfons Borg, Prepostu ta' Birkirkara. Wara pitter ukoll

żewġ panewijiet tal-koppla tal-Madonna tal-Ħerba, f'Birkirkara wkoll.

Wara li kompla l-istudji tiegħu f'Ruma, hu mill-ewwel ngħata jpinġi żewġ panewijiet fil-knisja tal-Agostinjani, Għawdex. Fl-1965 ngħata t-titlu ta' Kommendatur ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm. Ix-xogħlijiet tiegħu huma numerużi. Miet fl-1987.

Skont informazzjoni mogħtija minn Suor Leonilda Buttigieg kien hu li pitter il-kwadru **'Iż-Żwieġ Mistiku ta' Santa Katarina'** għall-kappella tal-Istitut San Ġużepp. Ħaż-Żabbar. Dan l-istitut jinsab fuq il-lemin meta wieħed jidħol Ħaż-Żabbar minn naħa tal-Fgura.

## Buhagiar Rokku

Rokku Buhagiar twieled f'Bormla, iżda mar joqgħod fil-Belt ma' ħuh. Studja l-arti taħt Neriku Regnaud. Peress li kien kompetenti ħafna u prolifiku ferm, fil-knejjes Maltin jinsabu bosta xogħlijiet tiegħu. Bejn is-snin 1777 u 1798 idderieġa d-dekorazzjoni mill-ġdid tal-knisja ta' San Ġakbu fil-Belt. Għamel xi żmien jgħix mal-Patrijiet Tereżjani f'Bormla, fejn miet fl-1805. Jinsab midfun fil-kripta tagħhom.

Rokku Buhagiar ħallielna minn tal-anqas **tliet kwadri ta' Santa Katarina**. Wieħed minnhom, **'Iż-żwieġ mistiku ta' Santa Katarina'**, jinsab fil-knisja parrokkjali tal-Birgu, filwaqt li t-tnejn l-oħra, **'Il-Predikazzjoni ta' Santa Katarina' u 'l-Martirju'**, jinsab fil-kappellun tan-Nofsinhar, fil-knisja arċipretali ta' Bormla.

## Busuttil Michele

Dan il-**pittur Żejtuni**, iben Clement Busuttil u Rosa Magro, twieled fis-sena 1762. Wara li tħarreġ taħt Rokku Buhagiar kompla l-istudji tiegħu f'Ruma u waqa' taħt l-influwenza tan-Neo-Klassiku Naplitan. Din il-kwalità tal-pittura tiegħu tidher, ċara fil-kwadru ta' San Pawl li hu pitter għall-kappella tal-istess qaddis fil-knisja parrokkjali taż-Żejtun.

Fl-1794 iżżewweġ f'Għawdex lil Maria Assunta Buhagiar, u għalhekk ħafna fl-imgħoddi biex jgħidu li kien Għawdxi. F'Għawdex pitter diversi kwadri, fosthom it-titular tal-Katidral, Victoria. San professur bil-pittura fl-università ta' Malta. Miet fl-1831 fil-Belt Valletta.

Għall-Katidral t'Għawdex Michele Busuttil pitter **siltiet mill-ħajja ta' Santa Katarina**, li allura kienu jinsabu fl-arzella tal-kor. Iżda dawn tneħħew fis-sena 1946 wara li ġarrbu xi ħsara.

## Busuttil Toussaint

**Pittur Żejtuni ieħor**, iben Giovanni u Maria Caruana, twieled fl-1921 u beda l-istudji tiegħu l-magħrufin Lazzaro Pisani u Caruana Dingli, li kompliehom fl-*Accademia di Belle Arti*, Ruma, fejn ukoll rebaħ il-premju tal-konkors Calderon. Fost ix-xogħlijiet tiegħu insibu d-dekorazzjoni tas-Sala l-Kbira tal-Berġa ta' Aragona u fit-Teatru Manoel. Miet fl-1994 fiż-Żejtun.

Fiż-Żejtun, għandi naħseb, li kulħadd jaf li Toussaint pitter diversi kwadri mill-**ħajja ta' Santa Katarina fuq is-saqaf tal-knisja parrokkjali tagħna.** Fuq l-arzella tal-kor pitter il-**glorja ta' Santa Katarina** u pitter ukoll **xbieha ta' Santa Katarina għall-Oratorju** tas-Sagrament tagħna.

## Calì Ġużeppi

Mingħajr dubju ta' xejn l-aqwa pittur Malti li qatt kellna u li verament iħabbatha mal-aħjar pitturi barranin li pittru għall-knejjes tagħna u għal familji privati. Ix-xogħlijiet tiegħu jingħaddu bil-mijiet. Twieled il-Belt Valletta fis-sena 1846 minn **ġenituri Naplitani**. Studja f'Napli man Noe-Klassiku Giuseppe Marcinelli. L-ewwel xogħol kbir tiegħu kien 'Il-Mewt ta' Dragut', li jinsab fil-Mużew tal-Arti, l-Belt Valletta. Miet fis-sena 1930.

Għall-knisja parrokkjali ta' Sant'Andrija, Ħal Luqa, Ġużeppi Calì pitter kwadrett bix-xbieha ta' Santa Katarina, barra li wkoll daħħal lil din il-qaddisa fil-kwadru sabiħ tiegħu 'Il-Martirju ta' San Dimitri' fil-knisja bażilika tal-Isla. **Kienet ħasra kbira li meta Calì kien fl-aqwa tiegħu u s-saqaf tal-knisja parrokkjali taż-Żejtun kien għadu vojt, ħadd ma tħajjar iqabbad lil Calì biex ipittru!**

## Camilleri Cauchi Pawlu

Pittur ta' dixxendenza Żejtunija. Twieled f'Għawdex, iben Wistin Camilleri u Francesca Cauchi fis-sena 1940. Studja ġewwa Firenze, Perugia u Ruma. Fit-tieni nofs tas-seklu l-ieħor, kien l-artist li l-aktar ħadem fl-arti sagra kemm f'Malta, kif ukoll barra. Rebaħ il-premju organizzat mill-Kavallieri ta' Malta għall-kwadru tiegħu li juri l-Assedju l-Kbir tal-1965.

Għall-knisja parrokkjali taż-Żurrieq, Pawlu Camilleri Cauchi pitter **siltiet mill-ħajja ta' Santa Katarina V.M.**

## Caruana Raffaele

Iben Pietro Paolo Caruana u twieled fis-sena 1820. Ma kellux xi talent partikulari, u kien aktar ritrattista milli pittur tal-arti sagra. L-aħjar kwadru tiegħu hu 'L-Adorazzjoni tal-Maġi' fil-knisja ta' San Duminku, il-Belt Valletta. Miet fis-sena 1886.

Għall-kappella tal-Preżentazzjoni tal-Madonna fil-knisja ta' Santa Katarina, Valletta, Raffaele pitter **"Iż-Żwieġ Mistiku ta' Santa Katarina ma Santa Monika".**

## Cassarino Giulio

Fuq dan ilna s-snin niktbu. Allura biżżejjed infakkru **'Il-Qtugħ ir-Ras ta' Santa Katarina'** fil-Mużew Parrokkjali tagħna. Iżda jeżisti wkoll kwadru ieħor, din id-darba attribwit biss lilu, **'Santa Katarina ta' Lixandra'** fil-Mużew tal-Katidral t'Għawdex.

## D'Arena Giuseppe

M'aħniex ċerti jekk kienx Malti jew le. Iżda tant għex f'Malta li xogħlu hu żgur Malti! Twieled fis-sena 1643 u fil-kappella ta' Sant Anġ Martri fiż-Żejtun għandna diversi xogħlijiet tiegħu. Miet fis-sena 119 wara marda twila li ħallietu għama.

Għall-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, ir-Rabat Għawdex. D'Arena pitter **'Iż-Żwieġ Mistiku ta' Santa Katarina'.**

## Erardi Stefano

**Peress li dan l-istudju twil wisq, minn hawn 'l quddiem sa nqassar ħafna.**

Stefano pitter **'Iż-Żwieġ Mistiku ta' Santa Katarina'** għall-knisja parrokkjali ta' Maria Bambina, l-Isla u ieħor bl-istess suġġett għall-knejjes parrokkjali tal-Mosta.

## Mamo Giovanni Antonio

Pitter **il-kwadru titulari** fil-kor tagħna, kopja tat-titular, xogħol Mattia Preti, fil-knisja ta' Santa Katarina, l-Belt, fis-sena 1724.

## Pisani Lazzaro

Pittur prolifiku u tajjeb minn Ħaż-Żebbuġ. L-aħjar xogħol tiegħu hu fin-Nadur, Għawdex. Għaż-Żejtun pitter ritratt ta' Mons. Pietru Paolo Cachia li qiegħed fil-Mużew Parrokkjali. Sabiħ u b'daqqiet xi ftit moderni, li hu pitter ftit qabel miet fis-sena 1932, hu l-kwadru tal-**'Martirju ta' Santa Katarina'**, fil-knisja parrokkjali ta' M'Xlokk.

## Zahra Francesco Vincenzo

Mill-Isla. Fiż-Zejtun għandu żgur uħud mill-aħjar xogħlijiet tiegħu, fosthom l-arzella tar-Rużarju u s-sett ta' kwadri fl-Oratorju. Pittur mill-aktar prolifiku. Fil-**kappella tal-Vitorja** (Tal-Belliegħa) Ħal-Lija il-kwadri tiegħu, **'Iż-Żwieġ Mistiku ta' Santa Katarina'**. Għall-knisja tad-Dumnikani, Rabat, pitter kwadrett ta' Santa Katarina tiegħu jidher li huma wkoll il-kwadri fil-kor tagħna, **'It-Trasport ta' Santa Katarina fuq is-Sinaj'**, u **'Santa Katarina quddiem l-Imperatur tiddisputa mal-Filosfi'.** Pitter ukoll diversi **siltiet mill-ħajja ta' Santa Katarina** għall-knisja parrokkjali taż-Żurrieq. Għall-knisja ta' Bormla pitter **'Iż-Żwieġ Mistiku ta' Santa Katarina'** fil-kappellun tal-lemin.

Tahabel *Limited*
Rope Dealer
"St. Catherine" John Borg Street, Żejtun ZTN 05
Tel: 2167 3589 Mob: 9947 0351 Fax: 2169 2894

VESTRO *Cut*
**Stockists of all types of glass and mirrors**
**bevelling & polished edges & frame maker**
Paul Gatt Director
**Triq Giuseppe Caruana, Żejtun**
**Stores: 41, Saint Catherine Street, Żejtun • Tel: 2169 2794 • Mobile: 9949 9870**